ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 03** **IT-TNEJN 1 TA' ĠUNJU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jesmond Aquilina, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**03/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 02**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 02 li nżammet nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku bil-korrezzjoni msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur Ħdax -il** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 02 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**03/02** **MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**03/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar email li rċeviet personalment mill-Għaqda Awturi Qriema u li ġiet iċċirkolata lill-kunsilliera u għaldaqsatant talbet il-kummenti tal-Kunsilliera . **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li huwa huwa kien iffastidjat li l-kunsillier Jerome Caruana Cilia qallu li huwa bhala kunsillier responsabbli imissu approva l-programm. **Il-Viċi-Sindku** kompla li huwa l-programm ma setax japprovah ghax meta saret il-laqgha ma giex ipprezentat. Il-programm intbagħat b'email li ġie iċċirkolat lill-kunsilliera mis-Segretarju Eżekuttiv. **Il-Vici-Sindku** kompla li l-programm inbidel dak il-ħin meta ħadd mill-Kunsill ġie infurmat jew approva fejn il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ddaħħal fil-programm biex qara d-diskors tal-President tal-Għaqda Awturi Qriema li m'attendiex. **Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** semma li ghall-futur Jum Hal Qormi ghandu jibqa' fil-kontroll tal-Kunsill ghaliex jhoss li l-programm kien partiggjan parrokjalment u mhuwiex argument li s-sena d-dieħla l-programm ikun fil-kontroll tal-parroċċa l-oħra. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** sostna li jifhem il-principju li kellu l-Kunsill li Jum Hal Qormi jkollha l-involviment tal-għaqdiet, izda l-programm wera li l-Kunsill kien eskluz kompletament mill-programm u għall-futur l-Kunsill għandu jżomm din l-attivita' taħt il-kontroll assolut tal-Kunsill. **Il-Kunsillier Renald** Falzon qal li issa wieħed irid joqgħod attent li biex jirranġa dak li ġara din is-sena ma jinħoloqx żbilanċ fil-programmi taż-żewġ parroċċi. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** irrisponda li huwa l-programm ma rahx qabel ma intbagħat mis-Segretarju Eżekuttiv u li hu sar jaf li kien se jaqra id-diskors flok Dr Mallia ftit minuti qabel bdiet l-attivita' fejn hu wieġeb billi saqsiha jekk hemmx ħaddieħor li jista' jaqra u jekk il-Kunsill huwiex infurmat dwar dan u jekk hemm problemi. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** kompla li r-rapprezentant tal-Għaqda tal-Awturi Qriema weġbitu li ma kien hemm ħaddiehor minn seta' jaqra u biex "iserraħ rasu" għax m'hemmx problemi mal-Kunsill dwar il-fatt li se jaqra huwa. Il-Kunsill iddeċieda biex jitlob lill-Għaqda Awturi Qriema sabiex:

1. Tinbidel il-lirika tad-diska *Nogħla mill-qiegħ* u sa dak iż-żmien din ma tintużax, għaliex titfa' stigma fuq il-lokalita'. Il-motto ta' Ħal Qormi huwa *nogħla mill-baxx* u mhux *mill-qiegħ*.
2. Jibgħatulna l-istatut tal-għaqda tagħkom u l-ismijiet tal-membri eżekuttivi peress li l-Kunsill lanqas kien jaf li hemm Kunsilliera li huma membri u li sirna nafu dakinhar stess.
3. Issir laqgħa mal-Kunsill għaliex il-Kunsill għandu xi mistoqsijiet x'jagħmel dwar kif imxew ċerti affarijiet tul is-serata mingħajr mal-Kunsill kien infurmat u approva.

**03/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll, li saret laqgħa mal-Meusac li għaliha attendiet hija, s-Segretarju Eżekuttiv u **l-kunsillier Robert Cremona** bħala kunsillier responsabbli mit-Turiżmu peress li kien hemm opportunita' ta' fondi għal dan is-settur. Fil-laqgħa iżda

irriżulta li l-programm ta' fondi ma' setax jinkludi xogħljiet infrastrutturali iżda kien aktar iffukat fuq proġetti relatati ma' promozzjoni tal-prodott turistiku eżistenti. Għaldaqstant il-Kunsill ma kienx se japplika taħt dan il-fond, iżda l-Kunsill wera x'inhuma l-prijoritajiet tal-Kunsill lill-Meusac fejn se jkunu alert fuq programmi li jistgħu jinkludu proġetti relatati mat-titijib tal-arja kkawzat mill-fran kif ukoll dwar restawr ta' niċeċ inklużi dawk privati. Intant, il-Kunsill se jkun qed japplika sabiex Ħal Qormi tkun rikonoxxuta bħala *European Destination of Excellence*.

**02/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina jagħti ftit rendikont dwar skemi mnedija mir-Reġjun Nofsinhar. Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li ingħataw €2,768 bħala parti mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet għall-perjodu Jannar- Ġunju 2014, kif ukoll ingħataw Eur9200 għal xogħlijiet relatati ma' tabelli u sinjali fit-toroq urbana. **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** kompla li r-Reġjun approva biex jalloka fondi għall-progetti relatati mal-persuni b'dizabilita. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi se jkun qed jieħu madwar bejn €9000 u €10,000 skont il-proporzjon tal-ammont ta' persuni b'dizabilita' rikonxxuti mill-KNPD fir-reġjun.

**02/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kellha talba biex quddiem il-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan isiru żewġ fanali ornamentali. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** kompla li hemm bżonn ukoll isir pavimentar f'dik il-parti. Il-Kunsill qabel unanimament biex japplika taħt il-*Urban Improvement Fund* biex isir dan il-proġett żgħir iżda ta' ċertu importanza għall-komunita.

**03/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2015
**b)** *Bank Payments* Mejju 2015
**c)** *Petty Cash* Mejju 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Hdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**03/04 MOZZJONIJIET**

**03/04/01 MOZZJONI – 05-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-Vici-Sindku Jesmond Aquilina iressaq il-mozzjoni nru 05-2015:

*Nipproponi li sabiex inzommu aktar indafa bi prova mill-ewwel Hadd ta' Ġunju sal-ahhar t'Ottubru kull nhar ta' Hadd jinbeda servizz ta' knis minn Knisja sa Knisja u fl-inhawi tal-kazini dan minhabba l-ammont kbir ta' skart li jingabar specjalment mill-bars u take-aways fl-inhawi.*

*Wara li l-Kunsill gabar tlett kwotazzjonijiet, qed nipproponi li l-Kunsill jaghti dan is-servizz bl-orhos offerta ta' Eur 50 (John Cutajar) ghal kull nhar ta' Hadd, fejn l-ispiza globali titla' ghal Eur1,100.*

**Il- Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 05-2015(VII) u għaldaqstant dan is-servizz għandu jibda mis-7 ta' Ġunju 2015 sa l-aħħar Ħadd ta' Ottubru.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** xtaq jirreġistra li huwa jħoss li dan is-servizz jingħata wkoll fi Triq Guże Duca ħdejn l-istabbilimenti tal-ikel peress li kull nhar ta' Ħadd ikun hemm ħafna ħmieġ.

**03/04/02 MOZZJONI – 06-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 06-2015(VII):

*Peress li l-haddiem Frankie Agius, prezentament fi Skala 11.4, qed jaghmel xoghol li qabel kien jaghmlu haddiem iehor li rtira u li kien fi skala ghola (Skala 11.7);*

*Peress li l-haddiema tal-IPSL baqghu ma hadu l-ebda promozzjoni minn mindu gew assenjati mal-Kunsill;*

*Peress il-Kunsill jemmen li l-haddiema huma c-centru tas-servizz moghti mill-Kunsill u ghaldaqstant il-motivazzjoni taghhom hija hafna*

*important;*

*Peress li gejna infurmati li il-Gvern iħallas lill-IPSL il-paga bażika biss u għalhekk jekk dawn in-nies ikunu qed jagħmlu xogħol għola mill-grad tagħhom, id-differenza fil-paga trid titħallas mill-entita' li magħha jkunu assenjat.*

*Nipproponi biex b'effett mill-1 ta' Gunju 2015, il-Kunsill ihallas id-differenza tal-paga biex Frankie Agius jitla' tlett tarġiet ta' skala 11 (jigifieri 11.7), liema somma hija ekwivalenti ghal Eur 1774 fis-sena.*

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 06-2015(VII).

**03/04/03 MOZZJONI – 07-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 07-2015 (VII):

*Nipproponi sabiex il-Bord tal-Aġġudikazzjoni (GĦAŻLA TAL-OFFERTI TA' RESURFACING / PATCHING TA' TOROQ) ikun iffurmat minn dawn li gejjin:*

*Chairperson: Rosianne Cutajar (Sindku)*
*Membri: Renald Falzon (Kunsillier*
*Ralph Puli (Kunsillier)*
*Perit William Lewis jew rapprezentant (perit) (Perit tal-Kunsill)*

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax -il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 03-2014(VI). ). Il-Kunsill qabel li din l-offerta terġa toħroġ mill-ġdid wara li l-offerta preċedenti ħarġet madwar sena ilu u m'għadhiex valida.

**03/05 RAPPORTI**

**03/05/01 L-ITTRA TA' DIREZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jispjega l-ittra ta' direzzjoni tal-awditur dwar l-awditjar tal-kotba finanzjarji għas-sena 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-punti imsemmija kif ukoll tar-risposti tal-Kunsill Lokali.

**DOK 'B-C'**

**Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta tal-ittra ta' direzzjoni u għaldaqstant ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista' tintbagħat lill-Awditur Ġenerali**

**03/05/02 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT FOR QUARTER ENDING 31ST MARCH 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq il-quartely financial report għall-kwart li jispiċċa fil-31 ta' Marzu 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dan ir-rapport fejn in-nefqa' tal-Kunsill fl-ewwel tlett xhur tas-sena hija skont il-estimi.

Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li ġiet iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun jista' jiġi mibgħut lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**DOK 'D'**

**03/05/03 Rapport Bord tal-Aġġudikazzjoni : Żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar il-kuntratt taż-żamma u l-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Ir-rapport jikkonsisti f'dan li ġej:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' 24 ta' Frar 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2015, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu 2015 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fis-27 ta' Marzu 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar, l-Vici-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Charles Farrugia, kif ukoll ta' tlett membri tal-pubbliku. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill.*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva erbatax-il offerta*

| Nr | Isem | **Option1** | **Option 2(i)** | **Option 2(ii)** | **Option 3 (i)** | **Option 3(ii)** | **Option 3(iii)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Mary Helen Bugeja | €28,750 | - | - | - | - | - |
| 2. | Marthese Borg | -<br>- | - | - | €14,160 | - | - |
| 3. | R & A Waste Service | €28000 | €21000 | - | - | - | - |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4. | Christa Axisa | €10560 | €7040 | €3520 | €3520 | €3520 | €3520 |
| 5. | Carmel Desira | €18000 | €11,490 | €6655 | €6740 | €4750 | €6655 |
| 6. | Mario Borg | - | €19,999 | €4999 | - | - | - |
| 7. | Sandro Caruana | €17670 | €11780 | €5890 | €5890 | €5890 | €5890 |
| 8. | Elton Debono | €39600 | - | - | - | - | - |
| 9. | Vincent Mifsud | - | €14795 | - | - | - | - |
| 10. | Borg Lucia | €29990 | €23900 | €10900 | €10900 | €10900 | €10900 |
| 11. | George Grech | €27600 | €24000 | - | - | - | - |
| 12. | Daniel Cutajar | €21000 | €17000 | €7000 | €9000 | €8000 | €7000 |
| 13. | Saviour Mifsud | €20660 | €14900 | €5760 | €7450 | €7450 | €7450 |
| 14. | WM Environmental LTd | €11400 | €6500 | €4950 | €3800 | €3300 | €4950 |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jesmond Aquilina u Josef Aquilina ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord innota li l-offerti nru 1, 2, 4, 6, 8, 10, 12 ma kienux adminstrative compliant peress ma kellhomx il-lista ta' prodotti li se juzaw u/jew l-ispefikazzjonijiet teknici tal-istess prodotti. Fit-tender kien hemm mnizzel:*

*"In order to be compliant, the bidder must supply a list of the products that will be used, together with proof of compliance with the technical specifications listed in the next table."*

*Il-Bord ghadda biex jara liema huma dawk l-offerti li huma technical compliant. Għaldaqstant ġie stabbilit li offerti li huma orħos minn Eur5049 għall kull latrina, mhijiex technical compliant għaliex huma kkunsidrati li huma rati maħduma bil-prekarjat. Il-Bord stabilixxa li għal kull latrina jeħtieġ minimu ta' sagħtejn mit-Tnejn sal-Ħadd, siegħa biex tinfetaħ il-latrina u titnaddaf u siegħa oħra biex tingħalaq. Dawn huma l-minimu tas-sigħat mitluba. F'dan il-kuntest meta ir-rati stabbiliti mill-Gvern bħala l-minimu aċċettabbli fil-qasam tat-tindif hija ta' Eur 6.29 (mit-Tnejn sal-Gimgħa)fis-siegħa, nhar ta' Ħadd tinħadem għal Eur 10.81 fis-siegħa.*
*€6.29 x 2 x 6 days x 52 weeks = €3924.96*
*€10.81 x 2 x 1 day x 52 weeks = €1124.24*
*Total = €5049.20*

*Għaldaqstant l-offerta nru 14 mhijiex technical compliant.*

*Il-Bord iddeċieda li jiltaqa' mas-sitt offerenti li kienu technical u administrative complaint. Dan huwa l-ezitu mill-intervisti li saru:*

*Offerta Nru 3*
*Il-kuntrattur informa lill-kunsill li huwa kellu l-hsieb li jimpjega persuna li jdur it-tlett latrini fil-hinijet tal-ftuh.*

*Offerta Nru 5*
*Il-Kuntrattur informa lill-Kunsill li huwa ghandu kuntratt simili mal-Kunsill Lokali ta' Hal Lija. Il-Kuntrattur qal li huwa mhuwiex daqshekk interessat fil-latrina ta' San Sebastjan u jekk ikollu jagħżel jippreferi li jingħata l-kuntratt skont Option 2(i).*

*Offerta Nru 7*
*Il-Kuntrattur informa lill-Kunsill li huwa għandu kuntratt simili mal-Kunsilli Lokali tan-Naxxar, San Giljan u San Gwann. Huwa qal li dan ix-xoghol*

*jaghmlu ma' partner iehor sabiex ikun jista' jaghti servizz ahjar. Il-Kuntrattur sostna li huwa jkun lest li jitfa' persuna mal-latrina ta' San Sebastjan fil-gurnata tas-Sibt filghodu waqt il-hin tal-Monti.*

*Offerta Nru 9.*
*Il-kuntrattur spjega li huwa pensjonant u ghaldaqstant il-hin tieghu se jkun qed iqattghu f'dawn il-latrini sabiex izommhom nodfa kemm jista' jkun possibbli. Il-kuntrattur ikkonferma li huwa tefa' l-offerta ghall-Option 2(i).*

*Offerta Nru 11*
*Il-kuntrattur spjega li huwa għandu xoghol izda jekk jinghata dan il-kuntratt, huwa jitlaq ix-xoghol u jiehu hsieb il-latrini full-time. Fil-fatt huwa kkonferma li kien għalhekk li tefa' l-offerta ghal Option 1 u Option 2(i) biss.*

*Offerta Nru 13*
*Il-Bord saqsa lill-kuntrattur dwar kif beħsiebu jaħdem peress li fil-preżent għandu l-kuntratt tal-latrini ta' San Sebasjtan u l-Kunsill mhuwiex sodisfatt bis-servizz. Il-kuntrattur spjega li jekk jinghata l-kuntratt ghat-tlett latrini huwa behsiebu li jimpjega persuna li tkun full-time biex tiehu hsieb it-tlett latrini f'daqqa.*

*Il-Bord jirrakkomanda sabiex l-offerta tintgħażel a bażi ta' Option 2 sabiex kuntrattur ikun jista' jiffoka fuq il-latrina assenjata u mhux il-latrini kollha f'daqqa. Bhala Option 2(i) il-Bord innota li l-orħos offerta ta' dawk l-offerti li huma technical u administrative compliant hija dik ta' Carmel Desira li fl-intervista ssodisfa ir-rekweziti tal-Kunsill.*

*Bħala Option 2 (ii), il-Bord innota li l-orħos żewġ offerti huma qrib xulxin ħafna, fejn iżda il-kuntrattur bl-orħos offerta, Saviour Mifsud, huwa l-istess kuntrattur li għandu l-kuntratt preżenti għaż-żamma u manutenzjoni tal-istess latrini pubbliċi, fejn il-Bord innota li l-Kunsill mhuwiex sodisfatt bis-servizz mogħti. Il-Bord innota li t-tieni l-orħos offerta, dik minn Sandro Caruana għal Option 2(ii) hija €130 biss għola mill-orħos offerta, u tissodisfa ir-rekweżiti tal-Kunsill.*

*Il-Bord jirrakkomanda li jagħżel l-offerta għal Option 2(i) dik mitfugha minn Carmel Desira, u Option 2 (ii) dik mitfugħa minn Sandro Caruana. Il-Bord jirrakkomanda li l-kuntratt jingħata għall-perjodu ta' sitt xhur bi prova li jista' jiġi mġedded annwalment għal perjodu massimu ta' tlett snin.*

**Il-Kunsill qabel unanimament biex jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord sabiex jagħżel l-offerta għal *Option 2(i)* dik mitfugha minn Carmel Desira, u *Option 2* (ii) dik mitfugħa minn Sandro Caruana. Il-kuntratt jingħata għall-perjodu ta' sitt xhur bi prova li jista' jiġi mġedded annwalment għal perjodu massimu ta' tlett snin.**

**03/05/04 Rapport Bord tal-Aġġudikazzjoni : Kiri tal-Gabbana fi Vjal de La Cruz**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar il-kuntratt taż-żamma u l-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Ir-rapport jikkonsisti f'dan li ġej:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' 24 ta' Frar 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2015, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu 2015 fil-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fis-27 ta' Marzu 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar, l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Charles Farrugia, kif ukoll ta' tlett membri tal-pubbliku. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill.*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva żewġ offerti*

| ***Nr*** | ***Isem*** | ***€*** |
|---|---|---|
| *1.* | *Ronald Calafato* | *2,051* |
| *2.* | *FRJ Catering Ltd* | *4,015* |

*Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, Ralph Puli, u Marvin Zammit ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord innota li iż-żewġ offerti kienu administrative u technical compliant. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jirreġistra li wieħed mill-kuntratturi ikkontesta verbalment li l-offerta l-oħra mhijiex administrative compliant peress li l-garanzija bankarja hija maħduma fuq il-valur tal-kirja annwali u mhux tal-kuntratt.*

*Il-Bord innota li fid-dokument tal-offerta paġna 13, artiklu (d) jistipula li "l-applikant għandhom jagħmlu bid-bond ta' għaxra fil-mija tal-valur tal-kera annwali." F'dan il-kuntest, il-Bord ikkonferma li ż-żewġ offerti huma administrative u tehcnical compliant.*

*Il-Bord jirrakkomanda li jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża ekonomikament, jiġifieri dik mitfugħa minn FRJ Catering Ltd.*

**Il-Kunsill qabel unanimament biex jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u l-kuntratt jingħata lil FRJ Catering Ltd.**

**03/06 KORRISPONDENZA**

**03/06/01 Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-4'**

1. Dwar talba għall-permess biex isir tieġ fil-pjazza ta' quddiem is-santwarju tal-Madonna tal-Ħlas, il-Kunsill approva li jingħata l-

permess bil-kundizzjonijiet li iżda l-applikant għandu jiġi infurmat li tista' tapplika l-bye-law li l-Kunsill qed jipprepara jekk fl-eventwalita' din tkun ġiet ppubblikata u daħlet fis-seħħ sa dak iż-żmien.

2. Dwar l-applikazzjoni li daħlet għand il-MEPA: TRK 158682 biex farm jiġi kkonvertit għall-mħażen tal-karozzi, il-Kunsill qabel unanimament li juri l-oġġezzjonijiet tiegħu peress li dan l-iżvilup jinsab *f' Outside Development Zone* (ODZ) u l-Kunsill ma jaqbilx li razzett li jinsab f' ODZ jitneħħa biex isir aktar zvilupp ta' bini f' dik iż-żona.

3. Dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-Kap taċ-Ċivil fejn iċċirkola ir-risposti li rċieva mid-dipartimenti/entitajiet rispettivi dwar il-punti li kienet ressqet is-Sindku quddiem il-Kabinett, il-Kunsill innota li fir-rigward tat-Triq Ġorġ Mifsud Chircop, Transport Malta qed tgħid li

> "jidher li din it-triq ma ġietx iffurmata tajjeb mill-iżviluppaturi u hemm problem bil-livelli. Dan kollu jimplika spejjeż addizzjonali għal TM kemm-il darba jiġi deċiż li din għandha ssir.
>
> TM għandha fondi u riżorsi limitati, għalhekk dawn jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibli.
>
> L-iżviluppatur għandu l-obbligi tiegħu li jrid josserva. "

Il-Kunsill qabel unanimament biex jinforma lir-residenti ta' din it-triq bir-risposta ta' Transport Malta.

4. Dwar ittra mill-Iskejjel Sekondarji f'tal-Ħandaq dwar il-possibilta' li jiksbu fondi biex isir restawr tas-Salib tad-Dejma, il-Kunsill qabel li jikkolabora f'dan il-proġett u li jagħti struzzjonijiet lill-perit tal-Kunsill biex napplikaw MEPA ħalli dan is-salib jimxi għall-quddiem l-iskejjel peress li fejn jinsab qed jisfa vittma ta' abbużi.

**03/07 INFORMAZZJONI**

**03/07/01** **Il-Kunsillier Renald Falzon** informa lill-Kunsill li fil-ġranet li ġejjin se ssir l-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni dwar it-traffiku u t-trasport. Huwa semma wkoll li attenda għal-laqgħa dwar Tal-linja cards fejn aktar informazzjoni se tiġi mibgħuta aktar il-quddiem dwar it-tqassim tagħha u l-involviment tal-Kunsilli Lokali.

**03/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2015 fis-7.00 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:35 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ....................... 2015.